MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru 1057/2004

**PULIZIJA**
**SUPERINTENDENT SHARON TANTI**
**VS**
**JOSEPH MAMO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Joseph Mamo, ta’ 57 sena, bin il-mejjet John u Marjanna imwielda Barbara, imwieled Birzebbuga fl-14 ta’ Ottubru 1947 u residenti 88, Triq Santa Monika, Paola u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 9966247M.

Illi huwa akkuzat talli fis-6 ta’ Novembru 2004 u fis-snin ta qabel, f’Birzebbuga u fir-Rahal Gdid, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

a) B'eghmil zieni kkorrompa persuni ta' that l-eta' fosthom *Ommissis A*, *Ommissis B*, *Ommissis C* u *Ommissis D* liema minuri gew fdati lilu, imqar ghal zmien, sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom (Art 203 (1c) tal-Kap. 9),
b) Bhala cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta' persuni ta' taht l-eta', jew qassam jew wera ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, liema reat huwa aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *films*, video recording jew xbiehat elettronici indicenti jkunu persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin (Art 208A (1 & 3 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
c) Ghal qligh jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibli ghall-pubbliku, immanifattura, istampa jew xort'ohra ghamel, jew akkwista, zamm jew iccirkola jew innegozja wkoll jekk dan in-negozju sar bil-mohbi, oggetti, *film*, jew stampat pornografiku u cioe' videos u/jew xbiehat elettronici indicenti (Art 208 (1) & (2) tal-Kap. 9);
d) Bil qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanufattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetta bil/jew taht il-Ligi ta' Malta (Art. 298B tal-Kap. 9)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-artikli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 160) taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat. Rat il-Verbal tat-22 ta' Frar 2006 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni illi jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat tat-28 ta’ Marzu 2007 ghall-ewwel u t-tieni akkuza minghajr l-aggravanti tat-tutur. Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni kondizzjonata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-kaz in ezami l-imputat Joseph Mamo irregistra ammissjoni piena ghall-ewwel u t-tieni akkuza minghajr l-aggravanti tat-tutur. Wara li din il-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal rispensament, l-imputat kif assistit mill-avukat difensur tieghu rega’ ghamel ammissjoni kondizzjonata ghall-ewwel zewg akkuzi.

Dan il-kaz jirrigwarda akkuzi ta’ korruzzjoni ta minorenni u cioe’ erba’ guvintur fosthom *Ommissis A*, *Ommissis B*, *Ommissis C* u *Ommissis D*, apparti l-imputazzjonijiet illi jirrigwardaw *cyber sex crimes*. Il-minuri *Ommissis B*, ta’ *ommissis*-il sena, permezz ta’ video conference informa lill-Qorti illi huwa kien sar jaf l-imputat meta kien ghadu kif ghamel il-pracett u beda jmur il-Muzew u dana ‘il ghaliex Joseph Mamo kien jghallem il-Muzew. Il-minuri *Ommissis B* xehed illi minkejja illi kien ghamel il-Grizma huwa baqa’ sejjer il-Muzew ghal zmien konsiderevoli. Fil-fatt a fol 13 is-Superjur tal-Muzew kien izomm laqghat darba fix-xahar ghal dawn il-guvintur illi ghalkemm kienu ghamlu l-Grizma kienu baqghu midhla tal-Muzew. *Ommissis B* xehed kif l-imputat beda jidhollu fin fin billi beda isellfu l-flus, jibghatlu messaggi kif ukoll xbieghat pornografici fuq l-MSN. Huwa xehed illi l-ewwel darba **illi kellu esperjenza ma l-imputat kien meta kellu *ommissis* –il sena. Kien mar il-Muzew il-Hamis u hemm hekk l-imputat kien ftiehem mieghu biex jiltaqghu ghandu fil-garage tieghu adjacenti mad-dar residenzjali. L-imputat kien qallu illi kien ser jurih xi kwadri religjuzi tal-Madonna u tal-Kurcifiss.**
Fil-fatt l-imputat beda biex jurih dawn l-immagini religjuzi u mbaghad qallu l-kliem:

"*ara x'ghandi. U jien hsibtu ha jurini affarijiet religjuzi ohra*." (ara xhieda a fol 17.)

Izda minflokk l-imputat kien hareg diversi xbieghat pornografici. Minn hemm hekk l-imputat hajjar lill-minuri *Ommissis B* sabiex jaraw film pornografiku u **insista illi huma kellhom jaraw dan il-film meta kienu gharwenin. Infatti l-imputat kien nezza lill-minuri. Wara dan l-imputat ipprattika fuq dan il-minuri sess orali u nsista mieghu illi l-minuri kellu jaghmel l-istess fuqu. Izda l-minuri rrifjuta; fejn l-imputat imbaghad qallu "Ok, mela imbaghad tkun darba ohra."**

A fol 17 il-minuri *Ommissis B* kompla jghid "**imbaghad minn darba ghal ohra dejjem qisu jrabbi l-*power* fuqi.** Forsi sabni dghajjef ta *ommissis* –il sena, u dejjem irabbi l-*power.* Per ezempju "aghmel hekk, aghmel hekk." Kien jghidli: "ghada niltaqghu." U qisni nibza nghidlu le. (ara xhieda a fol 17) Il-minuri *Ommissis B* xehed illi l-imputat kellu 2 garages mad-dar, wiehed minnhom ghall-karozza u wiehed li kien izomm ghal *wood work* tieghu. Kien itella' t-television bil-video minn gol-kantina u qieghdu f'dan il-garage u kien dan il-garage tal-*wood work* illi kien isehh din l-attivita sesswali. ***Ommissis B*** **informa lill-Qorti illi l-imputat kien jesigi illi l-minuri jiltaqa' mieghu ghal dawn l-attivitajiet almenu darba fix-xahar waqt il-hinijiet ta' l-iskola u bejn tlieta u erba' darbiet fil-gimgha meta l-minuri kien bil-vaganzi.**

Il-minuri xehed li f'zewg okkazjonijiet, fit-tieni wahda **l-imputat kien esiga mieghu illi l-minuri kellu jippenetrah u fil-fatt hekk gara.** A fol 21 il-minuri xehed illi anke fir-residenza l-ohra ta Rahal il-Gdid l-imputat kien insista illi l-minuri jippuzalu gharwien sabiex hu jiehu video tieghu u hekk ghamel. Il-minuri xehed illi huwa qatt ma ra dan il-video u li l-imputat kien waqaf jiffilmja ghax kienet waqghetlu l-batterija. L-imputat kien wieghed lill-minuri illi wara illi jigbed dan il-filmat huwa kien ser ihassru billi jirrekordja blue film iehor fuqu. (ara fol 23)

***Ommissis B* xehed li dan l-abbuz kien baqa' ghaddej minn meta l-minuri kellu *ommissis* –il sena sakemm ghalaq is-*ommissis* –il sena**. (ara xhieda a fol 24) Il-minuri *Ommissis B* ikkonferma illi l-imputat kien qallu illi kien jaghmel dawn l-affarijiet anke ma certu *Ommissis A* illi kien minuri sena izghar mill-minuri *Ommissis B* u kien ukoll jattendi l-Muzew mieghu. Apparti l-gbid ta dan il-video l-minuri *Ommissis B* kien xehed illi l-imputat kien hadlu diversi ritratti bil-camera tieghu meta l-minuri kien gharwien u waqt li l-imputat kien qieghed jipprattika sess orali fuqu. Apparti dana kollu l-imputat kien juri lill-minuri *Ommissis B* diversi magazines pornografici u anke kien tah il-flus biex imur jixtri *Playboy Magazine*. *Ommissis B* a fol 321 ikkonferma illi huwa qatt ma kellu esperjenza jew relazzjoni sesswali ma haddiehor hlief ma l-imputat. *Ommissis E* missier il-minuri *Ommissis B* ikkonferma l-kwerela tieghu ghall-proceduri kriminali kontra l-imputat a fol 35.

Il-minuri *Ommissis A* a fol 51, tifel ta *ommissis* –il sena xehed illi huwa kien imhajjar mill-minuri iehor *Ommissis F* li kien naqra iktar kbir fl-eta minnu biex jibdew inizzlu immagini pornografici minn fuq l-internet. Dan gara meta l-minuri *Ommissis A* kien ghad ghandu *ommissis* –il sena. **Il-minuri kompla jixhed a fol 53 illi hu kien ghadu jmur il-Muzew u li hemm hekk iltaqa' ma l-imputat Joe Mamo li kien wiehed mis-socji tal-Muzew ta' Birzebbuga. Jghid li f'okkazzjoni minnhom waqa' l-kliem fuq il-pornografija u l-imputat kien stiednu biex jurih videos li kien nizzel mis-satellita tat-television. Dan kien gara fis-Sajf meta l-minuri *Ommissis A* kellu xi *ommissis* –il sena**. Il-minuri spjega kif kien mar fil-garage ta' l-imputat fejn dan tella' television u video player mill-kantina. **Raw vidoes pornografici. Imbaghad l-imputat neza', stiednu biex jaghmel l-istess u l-imputat ipprattika sess orali fuq l-istess minuri. Minn dan il-mument 'il quddiem l-imputat baqa' ikolli attivita sesswali ma dan il-minuri inkluz sess orali u penetrazzjoni fuq l-istess minuri u penetrazzjoni mill-minuri fuq l-imputat b'regolarita mhux anqas minn darba fix-xahar sas-6 ta' Novembru tat-2004.**

Il-minuri xehed illi Joe Mamo kien ukoll isemmilu lil *Ommissis B* u lil *Ommissis D* u kien jghidlu li huwa kien jaghmel l-istess affarijiet maghhom kif jaghmel mieghu. A fol 60 il-minuri xehed illi l-imputat **kien jurih ritatti pornografici ta' guvni illi kien jafu u tat-tfajla tieghu.** Dawn l-immagini pornografici kien urijomlu fuq il-computer ta l-istess Joe Mamo fid-dar tieghu Birzebbuga. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien jibghatlu materjal pornogfariku minn fuq l-internet permezz ta l-e mails. Il-minuri kkonferma SH2, SH3, SH4 u SH5. Il-minuri xehed **illi kien bezghan mill-imputat Mamo ghaliex huh iz-zghir ta *ommissis* snin kien ukoll imur fl-istess Muzew u beda jibza li jista' jabbuza minn huh**. Kien jibza' wkoll minn Joe Mamo ghax dan kien qallu kif **kien ivvendika ruhu fuq shabu tax-xoghol** wara li dawn kienu ghamlulu cajta. (ara xhieda a fol 63 u 64) A fol 66 **il-minuri xehed kif beda' jbiegh DVDs pornografici lil shabu u jaqsmu bin-nofs il-profitti hu flimkien ma l-imputat.** Il-minuri *Ommissis A* fl-ahhar kien sab il-kuragg sabiex jitkellem mad-dirigenti tal-iskola tieghu. (ara xhieda ta Vanessa Jane Xuereb a fol 122 et sekwitur, ta Sandra Cortis a fol 125 et sekwitur u ta Godfrey Bonello a fol 137 et sekwitur.) Mario *Ommissis A*, missier *Ommissis A* ikkonferma l-kwerela tieghu a fol 75.

Sarah Bugeja ta' *ommissis* –il sena a fol 84 et sekwitur ikkonfermat illi hija kienet tohrog ma Roderick Vella meta hija kien ghad ghandha *ommissis* –il sena u li kellha relazzjoni sesswali ma dan il-guvni. Dan Roderick Vella fil-fatt kellu digital camera u kien stedinha tiehu diversi ritratti gharwiena. Sarah Bugeja xehedet illi allavolja kienet gharwiena hija fehemet illi Roderick Vella kien qed johdilha r-ritatti ta wiccha u mhux taghha gharwiena. Illi l-pulizija sussegwentement kienet infurmata illi dawn ir-ritratti kienu qeghdin fuq il-computer ta l-imputat.

Roderick Vella a fol 90 xehed **illi huwa kien jaf lill-imputat minn mindu kien imur il-Muzew u cioe' qabel ma ghamel il-pracett**. Vella xehed illi kien baqa' bil-kuntatt ma l-imputat 'il ghaliex kien jghinu bix-xoghol tal-injam u kien ukoll jirrangalu l-computer. Ikkonferma illi kellu relazzjoni karnali ma Sarah Bugeja. Vella xehed illi

**huwa kien issellef digital camera minghand l-imputat** u ha xi ritratti ta Sarah Bugeja u **mar bil-camera kontenenti dawn id-digital images ghand l-imputat. Qallu biex jitfahhomlu fuq CD u jhassarhom**. Dawn ir-ritratti kienu **ttiehdu fir-residenza tal-imputat Rahal Gdid. U l-imputat kien tah ic-cavetta ta dan il-post. Kien tah is-CD wara xi sena u 6 xhur.**

*Ommissis D* a fol 98 ta' *ommissis* –il sena xehed illi huwa kien jaf **lill-imputat ghaliex huwa kien imur il-Muzew minn meta kellu xi *ommissis* snin.** Illi sussegwentement rega' beda l-kuntatt bejniethom 'il ghaliex il-minuri kien imur jirrangalu l-affarijiet fuq il-computer. Il-minuri xehed illi darba minnhom innota illi l-imputat kellu diversi xbieghat pornografici fuq dan il-computer.

*Ommissis D* ikkonferma illi "t-tasks" illi kien iqabbdu l-imputat kienu necessarjament jinvolvu il-ftuh ta' certu files, u kien hemm li il-minuri skopra li dawn kienu pornografici. Ikkonferma illi gieli l-imputat kien ihallih jahdem wahdu u gieli kien jigi jpoggi hdejh u ihares lejh u lejn il-computer.

*Ommissis C* a fol 103, minuri ta' *ommissis* –il sena wkoll ikkonferma li kien jaf lill-imputat 'il ghaliex kien imur il-Muzew ta' Birzebbuga ta' xi *ommissis* jew *ommissis* snin. Dam imur il-Muzew sakemm kellu bejn *ommissis* u *ommissis* –il sena. Il-minuri xehed illi l-imputat kien jghidlu biex imur jghinu fil-mistier ta' mastrudaxxa 'il ghaliex kienu jghixu vicin ta xulxin. L-imputat imbaghad kien beda jsellfu xi kotba u jaghtih diski cioe' CDs tal-muzika. Darba minnhom kien tah video pornografiku u hu kien tajulu lura meta nduna x'kien jikkontjeni "*ghax qisek tigik bhala kurzita. Xegheltu, rajtu, ghalaqtu u ergajt tghajtulu 'l ghada.*" (ara xhieda a fol 104.) Il-minuri *Ommissis C* ikkonferma illi kien ikkomunika ma l-imputat perezz tal-mobiles u SMSs.

L-imputat ta t-testimonjanza tieghu fit-18 ta' Lulju, 2008. Xehed illi missieru kien miet meta huwa kellu *ommissis* snin u li ta' *ommissis* –il sena kien beda jghallem il-Muzew bhala assistent. Xehed illi huwa kellu l-mistier ta mastrudaxxa u li baqa' jghallem il-Muzew ghal snin twal.

Xehed illi wara ftit kienet giet marda fuqu u kien beda jbaghti mid-depression. Xehed illi kien jaghmel hafna xoghol volontarju ma tal-Muzew u dana minghajr hlas. Kompla jghid illi ommu mbaghad kienet mietet bil-cancer u kien indukraha sa mewtha. Id-depression baqghet fuqu.

**L-imputat xehed illi kienu jkunu t-tfal illi jcemplulu u kienu huma illi jghidulu biex jigu d-dar tieghu. Huwa talab skuza u mahfra ghal ghemieltu.**

In kontro ezami l-imputat ikkonferma illi hu kien maghruf bhala s-superjur tal-Muzew. L-imputat ikkonferma illi l-computer kien fil-garage adjacenti mad-dar tieghu u li l-videos tal-minuri kienu jsiru f'dan l-istess garage fejn kienu wkoll isiru l-atti sesswali bejnu u bejn it-tfal. L-imputat xehed illi d-DVDs pornografici li nstabu fil-pussess tieghu, kienu mislufa lilu u kienu tawhomlu l-minuri stess. Ikkonferma illi **kien jara l-films pornografici ma dawn it-tfal u kkonferma illi l-minuri kienu jgibulu hafna rispett. Illi bil-kariga ta' socju tal-Muzew huwa kien jghallem lit-tfal u kellu klassijiet kemm tal-pracett u kemm tal-Grizma.**

**Ikkonferma illi t-tfal kollha illi xehedu kienu tfal illi huma li kienu jmorru l-Muzew u baqghu jattendu l-Muzew wara illi kienu ghamlu l-Grizma.**

Frank Borg illi xehed fis-16 ta' Settembru 2008 membru tas-socjeta tal-Muzew ikkonferma illi l-imputat kien Superjur u socju tal-Muzew. Ikkonferma illi hu kien ilu jghallem il-Muzew ghal 38 sena u li kien ilu jaf lill-imputat madwar 20 sena. Ta testimonjali tajba hafna fuq l-imputat, fuq il-karattru tieghu u kemm kien jaghmel xoghol volontarju ghall-Muzew permezz anke tal-mistier tieghu ta mastrudaxxa.

Margaret Mamo oht l-imputat, assistent ta kap ta skola tat elogju tal-kwalitajiet tajbin illi kellu l-imputat, kemm kien ghamel xoghol volontarju u kemm kien indokra lil ommu u lilha nfisha matul hajtu.

David Albani fix-xhieda tieghu tal-31 ta' Ottubru 2008 xehed illi kien jaf lill-imputat bhala bniedem genwin u sincier u li kien ilu jafu ghal 20 sena. Xehed li l-imputat kien ghenu hafna u tah hafna kuragg.

Emanuel Curmi fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Dicembru 2008, assistent Superjur Generali xehed illi huwa qatt ma kellu rapporti fuq attivita sesswali da parti ta l-imputat fuq tfal tal-Muzew altrimenti kienu jiehdu azzjoni. Fix-xhieda tieghu Emanuel Curmi ta deskrizzjoni tal-hidma twila illi l-imputat ghamel fil-Muzew u l-kontribut tieghu.

Dr. Anthony Zrinzo ta stampa tal-qaghda fizika tal-imputat u esebixxa diversi rapporti u certifikati (Ara Dok. Z1 sa Z6.) Ikkonferma illi l-imputat kellu ugiegh kroniku f'daharu u li dan l-ugiegh kroniku x'aktarx qanqlet id-depression.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghamel ammissjoni piena ghar-rigward ta' l-ewwel u t-tieni akkuza pero' minghajr l-aggravju tat-tutur.

Illi l-Artikolu 203 sub-section 1 sub-section (C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi:

**"*If the offence is committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor of the minor, or by any other person charged, even though temporarily, with the care, education, instruction, control or custody of the minor.*"**

Ikkunsidrat:

Il-provi kollha fil-kaz in ezami juru b'mod anke lampanti illi l-minuri kollha illi xehedu f'dawn il-proceduri kienu persuni illi l-imputat kellu kuntatt maghhom u sar jafhom permezz tal-kariga tieghu ta Superjur u ta' Socju fil-Muzew ta' Birzebbuga.

Illi dawn it-tfal kollha xehedu illi kienu baqghu imorru l-Muzew ghalkemm kienu ghamlu l-Grizma u jidher illi kien ikollhom laqghat formali almenu ta darba fix-xahar organizzata mill-Muzew specifikament ghal tfal illi jibqghu jattendu l-Muzew ghalkemm kienu ghamlu l-Grizma.

Hija l-fehema ta' din il-Qorti illi taghlim religjuz jew attivitajiet organizzati minn ghaqdiet religjuzi bhal dik tal-Muzew jaqaw taht dak illi huwa mahsub fl-Atikolu 203. 1 (C) u cioe':

***"any other person charged, even though temporarily, with the care, education, instruction . . . of the minor,"***

u dana indipendentament, jekk it-taghlim jaqax fl-ambitu ta' taghlim fi skola ordinarja jew ikunx taghlim extra curriculum. Alla hares ma kienx hekk altrimenti ebda tifel illi jkun vittma ta abbuz sesswali minn ghalliem ta' suggetti extra curriculum, ma jsib il-protezzjoni mehtiega skond il-ligi. Kull argument kuntrarju, la jaghmel sens, wisq anqas ma jirrifletti r-raison d'etre tal-legislatur li llegisla ghal protezzjoni aqwa f'kaz ta' minuri li jigu fdati mill-genituri taghhom lil nies, f'karigi sensittivi bhal dawk edukattivi u f'sens aktar ampju, karigi li jinvolvu l-kura ta' l-ulied.

Di piu', din il-Qorti, tiddubita jezistux karigi ta' ghalliema li jqanqlu fiducja aktar ceka mill-kariga ta' Superjur jew socju tal-Muzew fi hdan is-socjeta' Maltija.

Il-provi juru illi l-imputat, permezz ta' modus operandi fin, kien jaghmel il-kuntatt ma' dawn it-tfal, **maghtul l-istruzzjoni taghhom fi hdan il-Muzew u jaghmel il-pjanijiet ghal korruzzjoni eventwali taghhom, waqt illi dawn it-tfal ikunu fl-istess laqghat tal-Muzew.**

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti hija tal-fehma illi zgur illi tissustisti, f'dan il-kaz in ezami, l-aggravju ta' persuna illi tkun inkarigata anke temporarjament bil-kura, edukazzjoni u istruzzjoni tal-minuri.

Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat. Il-Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u cioe x-xhieda ta' *Ommissis A* hija carissima u inekwivoka u tillustra kif l-imputat hajjar lil dan it-tifel jibdew negozju, u fil-fatt bdew dan in-negozju, billi jikkupjaw DVDs pornografici, li *Ommissis A* kien iqassam ma' shabu minuri ohra, ghal profitt, liema profitt kien jinqasam nofs bin-nofs bejn *Ommissis A* u l-imputat. Din l-attivita' tinkwadra ruhha perfettament taht il-Kap.208(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal rigward ta' l-ahhar akkuza, din il-Qorti ma tarax il-Prosekuzzjoni lahqet il-livell probatorju rikjest fil-kamp kriminali sabiex jigi pprovat ir-reat mahsub taht l-Artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu jipressupponi drittijiet ta' awtur **li huma sanciti mil-Ligi tal-pajjiz.** Filmati pornografici ta' persuna taht l-eta' ma jgawdux u ma jistghux igawdu minn din il-protezzjoni tal-Ligi. Il-filmat ta' Sarah Bugeja miksub b'qerq doppju - dak l-ewwelnett, tal-cosidett, namrat taghha Vella, imbaghad dak, aktar fin, prattikat mill-imputa – **jibqa' essenzjalment filmat illegali**, u bhala tali, filmat illegali ma jista' qatt jikser xi dritt ta' awtur ghaliex dan id-dritt huwa inezistenti.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib mill-imputat, Joseph Mamo, hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), akkuza mhux hati tar-raba' (4) akkuza li minnha tilliberah u wara li rat Artikolu 203 (1)(C), 208A (1), (2), (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) snin prigunerija u li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta' f'arrest preventiv.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-gravita' tar-reati, il-fatt illi l-korruzzjoni kienet serjissima u prattikata fuq zewg mill-minorenni fuq **medda ta' snin**, pero' anqas serja fuq zewg minuri ohra; **ghall-isfiducja konsegwenti fuq**

**ghaqdiet religjuzi** mis-socjeta’ Maltija; ghal qerq li wera l-imputat fuq medda ta’ snin tant li s-socjeta’ tieghu ghadhom jaghmlu elogi fuq il-karattru tieghu; ta’ l-ammissjoni kondizzjonata u tardiva ta’ l-imputat u l-fedina penali nadifa ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------